MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 120/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Priscilla Caruana)**
**Vs**
**Robert Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Lulju, 2007 u fil-granet ta' qabel, ha l-ligi b'idejh u kkommetta reat ta' ragjon fattasi billi b'xi mod annega lil Lorraine Camilleri milli jkollha aktar access ghad-dar konjugali taghhom fi 18, Triq l-Imnarja, B'Bugia, in vista tal-fatt li l-istess Lorraine Camilleri ma tistax tiftah aktar bic-cwievet taghha filwaqt li ghadu jirrisjedi fl-istess dar konjugali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 t'April, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 85(1)(2) u 377(3)(5) tal-Kap. 9, sabet lill-

appellant hat ital-akkuza dedotta kontrih u kkundannatu ghal € 233 (LM100) multa w iponietlu zmien gimgha sabiex jaghti lill-martu access liberu ghad-dar konjugali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi. Sussidjarjament u minghar pregudizzju, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-Avukat Generali bih eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex l-appellant ma ottjenix is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza kif jiddisponi l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali billi ma tax garanzija tajba skond l-artikolu 577 (1) , 579 , 581, 583, 586 u 587 tal-istess Kodici.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali.

Illi mill-atti processwali, ghalkemm jirizulta li l-appellant fil-fatt kien talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, ma kienx mela w iffirma l-formola tal-garanzija solita.

Konsegwentement ma giex rispettat il-vot tal-ligi taht l-artikolu 416 (1) tal-Kap.9 li jghid li biex il-persuna li ma tkunx taht arrest ghar-reat li tieghu tkun giet misjuba hatja u li tkun iddikjarat li trid tappella, taqla' s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza , trid **"taghti garanzija tajba, skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 577, li tidher ghal kull att tal-kawza quddiem il-Qorti superjuri kull darba li tigi imsejjha minn din il-Qorti.** Il-frazi **"kemm il-darba taghti"**jista' jigi biss interpretat li din hija kondizzjoni *'sine qua non'* biex il-persuna taqla' mill-Qorti s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza li tkun talbet.

Jekk il-persuna ma tkunx talbet u ottjeniet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, titqies li tkun akkwijexxiet ghal tali sentenza. Di fatti gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Mario Mifsud”** [5.5.1994] :-

“Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita’ w irritwalita’ tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali , jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza , liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta’ li wiehed jappella (**ara Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech,** (App. Krim. [28.1.1994] ; **Il-Pulizija vs. Frangisk Borg** [18.1.1941]; Vol. XXXIII.iv. p.391"

u aktar ‘l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

“wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa, illi kif appena tinghata sentenza, hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x’imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament.”

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Karl Gialanze”** [17.5.1994] **“Il-Pulizija vs. Francis Micallef” [**5.7.1994] , “**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna”** [20.1.1995] u **“I-Pulizija vs. Carmel Attard” [**30.6.1995] .

Illi huwa minnu li kif gie ritenut fl-ahhar sentenza fuq imsemmija l-gurisprudenza irrikonoxxiet certi eccezzjonijiet , bhal per ezempju fil-kaz ta’ nuqqas ta’ talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kaz ta’ appell limitat ghall-piena ta’ prigunerija sospiza [App. Krim. **“Pul. vs. M. Mifsud**” fuq citata] ; fil-kaz fejn si trattava ta’ l-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap.152 (illum art. 22 tal-Kap.446) App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia"** [7.10.1994]; fil-kaz fejn l-appellant kien b’ xi mod impedut milli jaghmel it-talba (App. Krim. "**La Polizia vs. Pietro Laus et.,"** [17.5.1924] jew fil-kaz fejn ikun hemm zball jew nuqqas da parti tal-Ewwel Qorti jew xi

ufficjal taghha, fis-sens li t-talba tkun saret u din ma tkunx giet registrata (App. Krim. **"Il-Pulizija. vs. Karl Gialanze"** ,[17.5.1994] u **"Il-Pulizija. vs. Francis Scicluna"** [21.2.1995] . Izda ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali ma jikkonfiguraw fil-kaz in ezami u kif irriteniet din il-Qorti fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Carmel Attard"** fuq citata , il-piena tal-multa hija applikabbli u esegwibbli minnufieh u l-fatt li l-appellant ma jkunx ghadu hallasha "*ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-inappellabilita' tas-sentenza ossia l-irritwalita' tar-rikors tal-appell , peress li kif inhu maghruf , anki meta ma jinghatax zmien ghall-hlas , il-burokrazija tal-amministrazzjoni tal-Qorti tiehu granet, gimghat u xi kulltant xhur biex il-multi jingabru ".*

Ikkonsidrat

Illi l-abbli difensur tal-appellant issottometta li fil-fatt a fol. 8 hu verbalizzat li fl-udjenza tat-22 t'April, 2008 l-imputat kien talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghal fini tal-appell u li l-Qorti laqghat it-talba taht garanzija personali ta' € 200. Issottometta wkoll li fuq din il-faccata fuq l-intestatura "imputat/a" hemm firma li x'aktarx hija tal-appellant apparti l-firma tad-deputat registratur in calce u li dan ghalhekk jissodisfa l-vot tal-ligi fl-artikolu 416(1) tal-Kodici Kriminali. Invece l-abbli prosekutur argumenta li anki jekk il-firma li tidher fuq dan il-verbal hija tal-appellant din ma tikkostitwix l-obbligazzjoni bil-miktub li trid issir ghal validita' ta' kull garanzija skond il-ligi.

Illi din il-Qorti tqis li kif dejjem isir fil-Qrati inferjuri wara li ssir it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w wara li jigi verbalizzat li din it-talba tkun saret u qed tigi milqugha, l-persuna li tkun trid tappella timla w tiffirma wkoll formola "standard" li tintuza quddiem il-Qrati kollha tal-Magistrati w li fiha bil-lingwa Maltija w bil-lingwa Ingliza jissemma b'mod car u tond in-natura tal-obbligazzjonijiet li tkun qed tigi assunta u x'jigri fin-nuqqas li dawn l-obbligazzjonijiet jinkisru. Din il-formola f'dan il-kaz la giet mimlija w lanqas iffirmata mill-appellant li kien debitament assistit minn Avukat tal-fiducja tieghu w li kien imissu

vverifika li din il-formola qed tintela’ w li qed tigi debitament iffirmata mill-appellant.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami , la ma giex osservat dak li hemm provvdut fl-artikolu 416 (1) tal-Kodici Kriminali w partikolarment li ma twettqitx il-kondizzjoni tal-ghoti tal-garanzija, ma jistax jinghid li l-esekuzzjoni tas-sentenza giet sospiza w ghalhekk dan legalment jimporta l-akkwiexxenza .

Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta’ din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika kif fuq riassunta, din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------